**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 301**

It-Tlieta, 21 ta’ Jannar 2025

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## PREŻENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Rosianne Cutajar kienu skużati.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 300 li saret fl-20 ta’ Jannar 2025 kienu kkonfermati.

## RULING TAS-SEDJA

L-Ispeaker ta ruling għat-talba tal-Onor. Ryan Callus dwar dokumenti li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta 298 tal-14 ta’ Jannar 2025, bħala informazzjoni addizzjonali għat-tweġiba li kienet ingħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 22723.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 22404 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4841 Informazzjoni dwar il-membri tal-Bord tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzzjoni (MCA), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24201;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4842 Avviż Legali Nru 19 tal-2025 − Regolamenti tal-2025 dwar l-Organizzazzjonijiet Professjonali (Sajd u Akkwakultura);

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4843 Deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjoni (PA 07545/23) għal permess ta' mwejjed u siġġijiet fix-Xatt tas-Sajjieda, San Ġiljan, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24560;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4844 Tabella li turi n-numru ta' siġar u arbuxelli li tħawlu kull sena bejn April 2022 u Diċembru 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24026;

P.L. 4845 Tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-Long-Term Waste Management Plan, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24028;

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4846 Kuntratt datat 28 ta' Mejju 1976 u ffirmat bejn il-Kummissarju tal-Artijiet ta' Malta u l-Under-Secretary tal-Ministeru tal-Edukazzjoni tal-Libja għall-proprjetà magħrufa bħala "the Malta College of Education" u kuntratt datat 26 ta' Marzu 1979 u ffirmat bejn il-Kummissarju tal-Artijiet ta' Malta u d-Dean of the Libyan Electrical Institute għal art f'Ta' Giorni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24555;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4847 Tabella li turi n-numru ta' inkjesti maġisterjali li nfetħu abbażi tal-artiklu 546 (1) tal-Kodiċi Kriminali, maqsuma għall-Qrati ta' Malta u l-Qrati ta' Għawdex, fil-perjodu bejn l-2004 u l-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24703; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4848 Tabella li turi n-numru ta' tags għal xufiera tal-Light Passenger Transport Vehicles (LPTV) maħruġa fil-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2024 maqsuma għal dawk Maltin u barranin, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24669.

**TALBA GĦAL RULING**

L-Onor. Karol Aquilina talab ruling mis-Sedja dwar it-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24591 li ngħatat fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2025 u t-tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari oħra relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari għas-sena 2023, li fihom il-Prim Ministru u l-Ministri naqsu milli jpoġġu fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti mitluba.

L-Ispeaker ħa nota tat-talba u informa li kien se jagħti ruling fi stadju ulterjuri.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-MONITORAĠĠ ELETTRONIKU - ABBOZZ 23**

Il-Kamra rriżumiet mit-13 ta' Jannar 2025 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku.

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Byron Camilleri.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ elettroniku għal persuni kkundannati bil-għan li tissorvelja l-movimenti ta' persuna soġġetta għal ordni ta' monitoraġġ elettroniku permezz ta' apparat elettroniku sigur u li jipprovdi għal miżuri relatati u anċillari" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI – ABBOZZ NRU 110**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Darren Carabott.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.21 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Postali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | L-Ewwel Qari (Votazzjoni) |
| Mozzjoni tal-Oppożizzjoni li titlob li l-Avviż Legali 168 tal-2024 dwar Persuni li jagħlfu l-Qtates jiġi emendat | Votazzjoni |
| Mozzjoni tal-Oppożizzjoni li titlob li l-Avviż Legali 183 tal-2024 dwar il-Projbizzjoni tat-Tnissil u ż-Żamma ta' Klieb ta' Tip Bully Non-Pedigree jiġi revokat | Votazzjoni |

------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji relatati mad-Droga | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u r-Riabilitazzjoni ta’ Persuni fis-Soċjetà | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Kumitati Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Adrian Delia.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4849 Dokument maħruġ mill-KPMG bl-isem *Malta Economic Outlook* datat Awwissu 2024.

Fis-6.53 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 22 ta’ Jannar 2025, fl-4.00 p.m. kif ikkomunikat mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**